MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-12 ta' Novembru, 2010

Numru. 437/2007

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Cordina)**

**vs**

**Grace Gatt**
**Jonathan Mulligan**

Il-Qorti ;

Rat li l-imputati Grace Gatt ta' 38 sena, mart Stephen, bint Joseph Bartolo u Rita nee' Mifsud, imwielda Victoria Ghawdex fil-25 ta' Settembru 1968 u residenti fl-indirizz 'Oriana' Triq Leli Falzon, Naxxar u detentur tal-karta tal-identita' numru 34568G u l-imputat Jonathan Mulligan ta' 21 sena, bin Carmelo u Isabelle nee' Darmanin, imwieled Canada fit-30 ta' Dicembru 1986 u residenti fl-indirizz 15

‘L-Etoile’, Triq il-Barrada, Naxxar u detentur tal-karta tal-identita’ numru 126494(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli :

Fis-26 ta’ Marzu 2007, u fix-xhur ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, b’diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li kisru l-istess dispozizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b’rizoluzzjoni wahda : haddmu agenzija ta’ gwardjani privati bi ksur ta’ xi wahda mid-dispozizzjonijiet ta’ l-Att Dwar Gwardjani Privati u Lokali tal-Kap. 389 tal-Ligijiet ta’ Malta, jew ta’ xi licenzja mahruga bis-sahha tieghu.

Fl-istess zminijiet, lok u cirkostanzi, haddmu jew kienu impjegati bhala gwardjani privati bi ksur ta’ xi wahda mid-dispozizzjonijiet ta’ l-Att dwar Gwardjani Privati u Lokali tal-Kap 389 tal-Ligijiet ta’ Malta, jew ta’ xi licenzja mahruga bis-sahha tieghu.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 17 ta’ Mejju 2007 (esebit a fol. 22 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputati waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tas-27 ta’ Lulju 2007 iddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi ;

Ikkunsidrat :

Illi dawn il-proceduri gew intavolati fil-konfronti taz-zewg imputati wara li l-Pulizija rceviet rapport minghand certu Lucian Caruana li allega li ghall-habta tal-ahhar tas-sena 2006 huwa kien jiffrekwenta iz-zona tal-White Rocks, f’Bahar ic-Caghaq u kien innota persuna, li wara identifika bhala l-imputat Jonathan Mulligan, qed isegwih fi tlett okkazzjonijiet. Huwa allega li l-imputat Jonathan Mulligan kien impjegat mal-imputata Grace Gatt u li dawn gew inkarigati bhala private investigators sabiex isegwu l-

movimenti tieghu minn martu Anne  Caruana. Iz-zewg imputati qed jigu akkuzati li operaw agenzija ta' gwardjani privati jew li agixxew ta' gwardjani privati minghajr id-debita licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija skond kif jirrikjedu id-diposizzjonijiet tal-Kap. 389 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ikkunsidrat:

Illi l-imsemmi Lucian Caruana xehed f'dawn il-proceduri waqt l-udjenza tas-27 ta' Lulju 2007 fejn huwa spjega li ghall-habta ta' Novembru u Dicembru 2006 meta huwa kien jiffrekwenta z-zona tal-Whtie Rocks, f'Bahar ic-Caghaq kien innota li l-imputat Jonathan Mulligan donnu qed isegwih. Huwa qal li kien staqsa lill-imputat Mulligan jekk kellux bzonn xi haga minghandu izda xorta wahda baqa' jinnota li dan kien kompla isegwih u huwa ghalhekk ghamel tlett rapporti separati fir-rigward l-Ghassa tal-Pulizija ta' San Giljan. Lucian Caruana xehed ukoll li kien hemm okkazzjoni ohra fejn kien f'appartament fil-White Rocks Complex u kien innota lill-imputata Grace Gatt qed issuq vettura fejn kien hemm tlett nisa ohra li kienet tiela' u nizla quddiem il-bini fejn kien jinsab hu u fejn din kienet qed tghaddi minn hdejn il-vettura tieghu. Dan Caruana sostna li sussegwentement il-mara tieghu Anne Caruana kienet urietu xi ritratti u qaltlu li kienet ghaddithomlha Grace Gatt u huwa ghalhekk cempel lil Grace Gatt u talabha sabiex jiltaqa' maghha u f'dan l-istadju hija weghditu li kienet ser tghinu sabiex martu tirritorna fid-far matrimonjali minn fejn din kienet telqet sabiex tmur tghix Merhba Bik izda huwa kellu jghid lil martu li dak li kienet qaltilha Grace Gatt kien minnu. Lucian Caruana sostna li kien sar inkontru ma  martu fil-prezenza ta' Grace Gatt fejn huwa kien qal lil martu dak li kien wieghed lil Grace Gatt izda martu xorta wahda baqghet ma rritornatx id-dar.

Ikkunsidrat:

Illi Anne Caruana ghazlet li ma tixhidx f'dawn il-proceduri minhabba l-possibilita' li tinkrimina ruhha u z-zewg imputati ghazlu li ma jirrispondux ghall-ebda domanda li saritilhom meta rrilaxjaw stqarrija (ara stqarrijiet relattivi

inseriti a fol  14 sa 17 tal-process). Huma inoltre ghazlu li ma jixhdux fil-proceduri odjerni. Kif diga' intqal fil-paragrafu precedenti l-imputati jinsabu akkuzati li ggestew agenzija ta' gwardjani privati minghajr id-debita licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija jew li altrimenti agixxew ta' gwardjani privati minghajr id-debita licenzja. Il-Qorti jidrilha li dawn l-akkuzi bl-ebda mod ma jirrizultaw pruvati minn dak li xehed Lucian Caruana. L-unika haga li rrizulta mill-istess xhieda kien li kien hemm xi okkazzjonijiet fejn l-imputati kienu qed isegwuh izda dan il-fatt bl-ebda mod ma jista' jitqies li jikkostitwixxi prova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni li l-imputati kienu qed jagixxu ta' gwardjani privati jew li kienu qed jiggestixxu agenzija ta' gwardjani privati. Il-persuna li allegatament qabdet lill-imputati sabiex jagixxu ta' private investigators ghazlet li ma tixhidx f'dan il-proceduri. Fi kwalunkwe kaz in kwantu jirrigwarda l-imputat Jonathan Mullligan il-Prosekuzzjoni produciet provi konfliggenti dwar jekk effettivament fil-perijodu indikat fl-akkuza l-imputat kellux licenzja sabiex jagixxi ta' private guard jew jopera agenzija ta' private guard stante li mid-dokumenti esebiti mill-Ufficjal Prosekutur l-Ispettur Ian Abdilla li huma nseriti a fol. 53 sa 55 jidher li sa mid-29 ta' Marzu 2005 l-imputat kellu licenzja sabiex jagixxi ta' gwardjan privat u li din il-licenzja kienet ghadha tigi rinnovata sas-6 ta' Settembru 2007. F'dawn il-proceduri izda xehed PC 443 Vincent Mifsud (xhieda relattiva inserita a fol. 23 sa 25 tal-process) fejn dan l-ewwel qal li il-licenzja mahruga lill-imputat Jonathan Mulligan skadiet fit-23 ta' Marzu 2006 u ma gietx rinnovata izda mbaghad qal li f'Marzu jew April 2007 l-imputat  kien ghamel talba sabiex tigi mgedda l-licenzja liema talba giet rifjutata u mbaghad addirittura jghid illi fid-29 ta' Mejju 2007 kienet intbaghtet ittra lill-imputat fejn gie nfurmat li l-licenzja tieghu kienet giet mizmuma u fejn huwa gie mitlub jirritorna l-licenzja. Il-Qorti jidrilha li mill-provi migjuba mill-Prosekuzzjoni f'dan il-kaz jemergi dubju dwar jekk effettivament fil-perijodu ndikat fl-akkuza, u cioe' fis-26 ta' Marzu u fix-xhur ta' qabel, l-imputat effettivament kienx kopert b'licenzja sabiex jagixxi ta' gwardjan privat u dan id-dubju ovvjament ghandu jimmilita favur l-imputat. Fi kwalunkwe kaz, kif diga' gie rilevat aktar il-fuq, il-Prosekuzzjoni naqset milli

ggib il-prova sal-grad rikjest mill-ligi li Jonathan Mulligan u Grace Gatt kienu qed jagixxu ta' gwardjani privati.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddikjara lill-imputati mhux hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfronti taghhom u konsegwentement tilliberahom mill-istess akkuzi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------